C/2025/3121

28.5.2025

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11854 – ZALANDO / ABOUT YOU)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2025/3121)

1. Fit-22 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Zalando SE ("Zalando", il-Ġermanja)

— ABOUT YOU Holding SE ("About You", il-Ġermanja).

Zalando se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' About You kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-11 ta' Diċembru 2024.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Zalando hija kumpanija online kkwotata pubblikament attiva fil-moda u fl-ispazju tal-istil ta' ħajja. Zalando topera bħala bejjiegħ bl-imnut online u fil-post tas-suq online. Zalando tagħti wkoll servizzi anċillari (twettiq ta' ordnijiet, loġistika u kummerċjalizzazzjoni) kif ukoll soluzzjonijiet ta' software għall-integrazzjoni tal-pjattaformi.

— About You hija kumpanija online kkwotata pubblikament attiva fil-moda u fl-ispazju tal-istil ta' ħajja. Minbarra l-attivitajiet tagħha bħala bejjiegħ bl-imnut online, About You tagħti servizzi anċillari (twettiq ta' ordnijiet, loġistika u kummerċjalizzazzjoni). About You tagħti wkoll servizzi ta' kummerċ elettroniku permezz tal-pjattaforma SCAYLE tagħha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11854 – ZALANDO / ABOUT YOU

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").